# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 5**

**Avviz numru 127/02/SM**

**L-Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Aldies S.r.l.,**

**vs**

**Aluminium Extrusions Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ekwivalenti f'munita Maltija fid-data ta' presentazzjoni ta' dan l-att ta' avviz, ta' s-somma ta' ghaxar miljuni hames mija u sebgha u tmenin elf, hames mija u sebgha u ghoxrin lira Taljana (LIT. 10,587,527), li skond ir-rata odjerna ta' erbat elef tmin mija u hamsin liri Taljani punt tlieta sitta sitta tnejn (LIT. 4850.3662) pagabbli ghal kull Lira Maltija (LM1.00,0), jammonta ghall-elfejn, mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (LM2,182.83,0), rappresentanti**

**prezz ta' bejgh ta' merkanzija, liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal LIT 467,527 bhala bilanc minn somma akbar skond fattura numru 108 datata 9 ta' Marzu 1995, (b) kwantu ghal LIT 5,060,000 skond fattura numru 129 datata 31 ta' Mejju 1995, u (c) kwantu ghal LIT 5,060,000 skond fattura numru 174 datat 20 ta' Lulju 1995 (ara kopji ta' l-istess, annessi u mmarkati bhala dok. A, B u C);**

**Bl-ispejjez ta' l-prezenti, ta' diversi ittri interpellatorji (hdax b'kollox), ta' l-ittri ufficjali ta' t-18 ta' Frar 1998, ta' l-10 ta' Novembru 1999 u tas-6 ta' Novembru 2000 (kopji annessi bhala dokumenti u mmarkati bl-ittri D, E u F) kif ukoll bl-imghaxijiet mid-dati ta' l-fatturi sa d-data ta' l-pagament effettiv (salv ghal LM438.00,0 gia mhallas) ilkoll kontriha, u bl-ingunzjoni in subizzjoni tas-socjeta' konvenuta;**

**Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata 21 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**